**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.A. (Melit); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 5 ta' Frar, 2019**

**Talba Nru: 512/2017 PM1**

**Zarb Coaches Limited (C28927)**

**Vs**

**Awtorita` ghat-Trasport f'Malta u b'digriet tat-Tribunal datat 15 ta' Jannar, 2018 giet kjamata fil-kawza il-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-tmienja (8) ta' Novembru, elfejn u sbatax (2017) illi permezz tieghu s-socjeta` attrici talbet li l-Awtorita` intimata tigi kkundannata thallas lill-istess socjeta` attrici s-somma ta' tlett elef, seba' mija u disgha u hamsin euro u tmienja u hamsin centezmu (€3759.58) rapprezentanti danni sofferti mis-socjeta` attrici unikament b'tort tal-Awtorita` konvenuta ghar-ragunijiet premessi fl-avviz, bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 10 ta' Jannar, 2017 u bl-imghax legali mill-5 ta' Marzu, 2015 sad-data tal-effettiv pagament kontra l-Awtorita` konvenuta ingunta in subizzjoni.

Ra r-risposta tal-Awtorita` intimata li permezz taghha eccepiet is-segwenti:

1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt kif ser jigi ulterjorment pruvat fis-smiegh u t-trattazzjoni tat-talba ;
2. Illi preliminarjament ghandu jinghad illi l-Awtorita` intimata mhijiex il-legittimu kuntradittur ;
3. Illi jigi sottomess li huwa manifestament car li l-incident *de quo* ssucceda a kawza diretta ta' infrastruttura li ghaliha unikament responsabbli il-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma u li ghaldaqstant, l-Awtorita` intimata ma tista' qatt tinstab responsabbli ghal tali danni ;
4. Illi effettivament, sussegwentement ghall-incident de quo kienet l-istess Korporazzjoni li ghamlet it-tiswijiet necessarji fl-infrastruttura tal-ilma sottoposti ghall-wicc tat-triq, u kienet l-istess Korporazzjoni li ffinanzjat it-tisiwijiet kollha b'rabta mal-hsarat li garbet il-wicc tat-triq, a kawza diretta tal-*leakages* u tal-hsarat fl-istess infrastruttura li ghaliha hija responsabbli l-Korporazzjoni msemmija ;
5. Illi ghaldaqstant hemm il-htiega illi tigi kjamata in kawza l-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma sabiex tirrispondi ghal tali talbiet ;
6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri kif permessi mil-ligi.

Ra illi fil-hmistax (15) ta' Jannar, elfejn u tmintax (2018) b'referenza ghall-eccezzjonijiet numru tnejn, tlieta, erbgha u hamsa tal-Awtorita` intimata, l-istess Awtorita` talbet il-kjamata fil-kawza tal-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma filwaqt li s-socjeta` attrici rrimettiet ruhha ghal tali talba.

Ra illi permezz ta' digriet datat ukoll 15 ta' Jannar, 2018 dan it-Tribunal laqa' t-talba tal-Awtorita` intimata u ordna l-kjamata fil-kawza tal-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma.

Ra li ghalkemm l-istess Korporazzjoni kjamata in kawza giet debitament notifikata hija naqset milli tressaq ir-risposta taghha ghat-talba odjerna u lanqas ma deher hadd ghaliha f'dawn il-proceduri.

Sema' x-xhieda ta' Manuel Zarb u ta' Joseph Vella waqt is-seduta tad-9 t'April, 2018.

Ra d-dokument ezebit mix-xhud Mark Zarb waqt l-istess seduta mmarkat Dok. MZ1.

Sema' x-xhieda ta' Natalino Agius prodott mis-socjeta` attrici u d-dokument prezentat mill-istess xhud (Dok. NA1).

Ra n-nota tas-socjeta` attrici li bis-sahha taghha ezebiet l-incident report relattiv ghall-incident *de quo*.

Ra li waqt is-seduta tas-6 ta' Lulju, 2018 l-Awtorita` intimata iddikjarat li mhux qed tehtieg prova ulterjuri fir-rigward tal-*incident report* surreferit u li kien hemm qbil li t-triq li fiha sehh l-incident hija wahda arterjali u/jew distributorja u kwindi ma taqax fil-kompetenza ta' xi Kull Lokali, dana minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet imressqin minnha.

Sema' x-xhieda ta' Nicholas Baldacchino moghtija waqt is-seduta tal-11 t'Ottubru, 2018 u d-dokumentazzjoni ezebita mill-istess xhud.

Ra li fis-seduta tal-14 ta' Novembru, 2018 il-partijiet iddikjaraw li m'ghandhomx aktar provi x'jipproducu.

Ra n-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet rispettivi.

Ra li l-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

**Ikkunsidra**

Illi huwa car li l-mertu tal-kawza odjerna huwa kostitwit mir-responsabilita` koncernanti incident awtomobilistiku li sehh fi Triq il-Marfa, Mellieha meta, waqt li il-*bus* proprjeta` tas-socjeta` attrici kienet qed tinstaq fiha, it-triq sfrondat biha u giet ikkawzata hsara lill-istess *bus*. F'dan ir-rigward jinsab inkontestat li dan l-incident sehh proprju meta sfrondat it-triq waqt li minnha kien ghaddej il-bus bin-numru ta' registrazzjoni LCY949. F'dan ir-rigward anke *a tempo vergine* ix-xufier tal- imsemmija vettura iddikjara li « *while he was driving the above-mentioned bus in Marfa Road, Mellieha, the road suddenly caved in and the bus sustained damages to the undercarriage* » (*incident report* mhux kontestat a fol. 32 tal-process).

Illi ghaldaqstant sabiex tigi determinata r-responsabbilta` ghal tali incident jispetta lit-Tribunal li jiddetermina x'ikkawza li sfrondat it-triq proprju meta kienet ghaddeja minnha il-vettura proprjeta` tas-socjeta` attrici. Huwa minnu li f'dan ir-rigward, mill-aspett prettament legali, jehtlieg li jigi nutat li, skont l-art. 7 tal-**Att dwar l-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta** (Kap. 499 tal-Ligijiet ta' Malta), l-Awtorita` intimata hija responsabbli ghall-aspetti kollha elenkati hemmhekk inkluz li tirregola t-trasport stradali, tohrog permessi ghax-xogholijiet fl-istess u tiehu hsieb il-manutenzjoni tat-toroq li jaqghu fil-kompetenza taghha.

Illi madanakollu fil-kaz in ezami irrizulta car li t-triq ma ċeditx minħabba permess mahrug hazin jew minhabba nuqqas ta' manutenzjoni, jew stat ħażin ta' tiswija, iżda minħabba hsara fl-infrastruttura tal-Korporazzjoni kjamata fil-kawza. F'dan ir-rigward, ukoll mill-aspett prettament legali, jinghad li l-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma hija responsabbli ghall-manutenzjoni tal-infrastruttura taghha tant illi l-**Att dwar il-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma** (Kap. 355 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi espressament li l-istess Korporazzjoni hija responsabbli sabiex «*tippromwovi u tassumi*

*waħedha jew flimkien ma' istituzzjonijiet oħra* (…) *manutenzjoni f'sistemi tad-distribuzzjoni* » (art. 3(3)(m)) u li tapplika d-dhul taghha biex jithallsu « *l-ispejjeż għat-twaqqif u għall-ħidma, u n-nefqa jew il-provvediment għall-manutenzjoni ta' kull waħda mill-istallazzjonijiet tal-Korporazzjoni* » (art. 25(1)(c)).

Illi fil-kaz in ezami irrizulta car li, sakemm ma kienx hemm din il-hsara, it-triq żammet u kienet karregjabbli. Irrizulta li kien proprju meta zviluppat il-hsara fl-infrastruttura tal-Korporazzjoni kjamata fil-kawza li t-triq ċediet, dana kif jirriżulta mix-xhieda ta' Nicholas Baldacchino in rapprezentanza tal-Awtorita` intimata : « *minn dak li rrizultalna –incident sehh minhabba infrastruttura hazina li giet imwettqa minhabba x-xogholijiet li kienu gew inkarigati mill-Water Services Corporation. Nghid li dawn ix-xogholijiet kienu konsegwenza ta' hsara fl-infrastruttura li kellha l-istess Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma.* » (fol. 39 tal-process). Din il-verzjoni baqghet qatt ma giet kontradetta la mis-socjeta` attrici jew minn xi xhud imressaq minnha, wisq anqas mill-Korporazzjoni kjamata fil-kawza li, minkejja li giet notifikata b'dawn il-proceduri, ghazlet li ma tressaq l-ebda risposta u ma tidhirx ghas-seduti. Skont l-istess xhieda tar-rapprezentant tal-Awtorita` intimata Nicholas Baldacchino, anke wara l-incident, kienet il-Korporazzjoni kjamata fil-kawza li hadet hsieb li twettaq ir-riparazzjonijiet mehtiega fit-triq (« *Ix-xogholijiet ta' tiswija sussegwentement kienu fil-fatt saru mill-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma* » (fol. 39 tal-process).

Illi konsegwentement ghas-surreferit u in vista tax-xhieda mhux kontradetta hawn fuq citata, it-Tribunal m'għandu l-ebda dubju li kien minħabba dik il-ħsara naxxenti mill-infrastruttura tal-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma li t-triq sfrondat u għaldaqstant hija l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma li għandha terfa' r-responsabilita` tal-inċident (ara f'dan is-sens il-kawza fl-ismijiet **Joseph Bartolo v. Water Services Corporation** deciza minn dan it-Tribunal kif diversament presjedut fis-27 ta' Frar, 2014 u liema kaz,

kif gustament nutat mill-Awtorita` intimata fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha, kien jirrigwardja fattispeci pressokke` identici ghal dawk odjerni).

Illi fir-rigward tal-ammont mitlub, dan jirrizulta ampjament pruvat tramite x-xhieda tas-surveyor Natalino Agius u ta' Manuel Zarb, oltre li ma jirrizultax kontestat la mill-Awtorita` intimata u lanqas mill-Korporazzjoni kjamata in kawza.

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi filwaqt li jilqa' t-tieni, t-tielet, ir-raba' u l-hames eccezzjonijiet tal-Awtorita` intimata u jastjeni milli jiehu konjizzjoni tal-bqija, jilqa' t-talbiet attrici limitatament fil-konfront tal-kjamata in kawza Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma, jikkundanna lill-istess Korporazzjoni thallas is-somma mitluba ta' tlett elef, seba' mija u disgha u hamsin euro u tmienja u hamsin centezmi (€3759.58) rapprezentanti danni sofferti mis-socjeta` attrici bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 10 ta' Jannar, 2017 u bl-imghax legali mid-data tal-ewwel interpellazzjoni gudizzjarja notifikata lill-kjamata in kawza sad-data tal-effettiv pagament kontra l-istess Korporazzjoni kjamata in kawza.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**